**26 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Angelo Mifsud

*versus*

Frank Delia et.

**Mandat Kawtelatorju — Impediment tal-Partenza — Danni — Art. 869, 870 u 871 tal-Kap 15.**

*Il-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabbiltà ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom, b'eċċezzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni; u min jitlob il-ħruġ tagħhom huwa passibbli tad-danni u nteressi jekk jiġi rikonoxxut li l-mandat ġie ottenut inġustament.*

*Fil-każ ta' mandat ta' impediment tas-safar, min jottjenieh jista' wkoll jiġi kundannat għall-ħlas ta' penali, jekk jiġi*

*ritenut li l-mandat ikun ġie ottenut maliżżjożament; u l-Qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba, tirrevoka l-mandat, fuq ċitazzjoni tal-eżekutat, jekk l-eżekutant jonqos li jġib pleġġerija tajba, fiż-żmien li tiffissalu l-Qorti, għall-ħlas tad-danni u nteressi u tal-penali ġa msemmija.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi l-konvenuti talbu u ottenew il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' mpediment tas-safar kontra l-attur fid-9 ta' April 1962 (dok. A), li diġa' ġie mġedded sas-27 ta' Ġunju 1962 (dok. B); u billi l-attur, kif jidher mill-istess mandat, jaħdem fil-Merchant Navy, u l-mandat qiegħed jipprivà lill-attur mill-uniku mezz ta' għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu; u billi, safejn jaf l-attur, il-konvenuti mhumiex f'pożizzjoni finanzjarja li jkunu jistgħu jagħmlu tajjeb lejn l-attur tad-danni u tal-penali eventwali mħabba l-imsemmi mandat; u billi l-pretensjoni tal-konvenuti, li l-attur jiċħad u jikkontesta m'hix ta' natura ta' faċili spedizzjoni; jitlob illi, għar-raġunijiet fuq imsemmija u kull raġuni oħra valida fil-liġi, din il-Qorti tordna lill-konvenuti biex, fi żmien li jiġi stabbilit mill-istess Qorti, iġibu pleġġerija tajba għall-ħlas tal-penali, tad-danni u l-imgħaxijiet, fis-somma li tiġi stabbilita, kollox fit-termini tal-art. 871 tal-Kap. 15 tal-Liġijiet Riveduti ta' Malta; u, fin-nuqqas, tneħħi l-imsemmi mandat kawtelatorju. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tad-19 ta' Mejju 1962, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, in vista speċjalment tad-deduzzjoni tal-attur, ċjoè li l-pretensjoni kawtelata bil-mandat indikat fiċ-ċitazzjoni m'hijiex ta' natura ta' spedizzjoni faċili jidher neċessarju li tiġi eżaminata, apparti l-fondatezza o meno tagħha, l-istess pretensjoni. Kif jirriżulta mill-atti tal-kawża l-fuq imsemmija, intentata mill-konvenuti f'din il-kawża, din il-pretensjoni hija li l-attur għamel xi żmien jamministra l-beni ta' Ċelestina Scicluna, awtriċi tal-konvenut u tal-mara tiegħu...... Mill-premess jidher, bħal ma jiddeduċi l-attur, illi l-kwistjoni fuq il-pretensjoni msemmija mhijiex ta'

faċili spedizzjoni. Jikkonkorru għal ċertu dewmien diversi fatturi......;

Illi bil-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni, spedit minn din il-Qorti ad istanza tal-konvenuti, l-attur ġie miżmum li ma jistgħax isiefer. Kif jidher mill-istess mandat, anzi kif ġie pruvat l-attur jaħdem fil-Merchant Navy, u kwindi b'dan il-mandat l-attur qiegħed jiġi privat mill-uniku mezz tal-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu. Ġie pruvat li in segwitu għall-istess mandat, u b'effett tiegħu, l-attur ġa tilef okkażjonijiet ta' xogħol. Huwa evidenti li mhux ġust u ekwu li l-attur jiġi privat minn dan l-għajxien tiegħu sa meta tiġi definita l-kawża l-oħra ġa msemmija, li, kif ġa ngħad, m'hijiex ta' faċli spedizzjoni. Huwa veru, kif ġie sottomess mill-konvenuti fid-dibattitu orali, li l-attur jista' jeħles mill-effetti tal-mandat jekk hu jagħmel depożitu jew jagħti pleġġerija kunsidrata biżżejjed biex iqiegħed fiż-żgur il-pretensjoni avanzata mill-konvenuti; però jista' jagħti l-każ li l-attur, għal xi raġuni, mhux f'pożizzjoni finanzjarja, jew li hu konvint li ma għandux jiġi kostrett jgħaddi għal dan id-depożitu, jew li jagħti din il-garanzija, biex ikun jista' jottjeni l-għajxien tiegħu. Del resto, lanqas huwa ġust li l-konvenuti jissottomettu x'jista' jagħmel l-attur biex jeħles mill-effetti tal-mandat, u jonqsu li jsemmu x'għandhom jagħmlu huma biex jikkawtelaw lill-attur f'każ li l-pretensjoni tagħhom dedotta fil-kawża l-oħra ma tiġix minnhom sostnuta, meta kien fuq talba tagħhom, in kawtela ta' dik il-pretensjoni li ġie spedit il-mandat u l-attur ġie mpedit li jsiefer. Huwa għalhekk li l-liġi tqiegħed ċerti freni għall-ispedizzjoni tal-mandati, partikolarment tal-mandat ta' impediment tal-partenza. U appuntu jinsab dispost li l-mandati kollha b'eċċezzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni, jiġu spediti taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li titlob l-ispedizzjoni tagħhom (art. 832 Kap. 15); li din ir-responsabbiltà timporta li din il-persuna tista' tiġi kundannata għad-danni u nteressi f'somma stabbilita ta' mhux iżjed minn £100, jekk jiġi rikonoxxut li l-mandat ikun ġie minnha ottenut inġustament (art. 870 Kap. 15); u f'każ ta' mandat ta' impediment tal-partenza, li dik il-persuna tista' wkoll tiġi kundannata għal penali f'somma ta' mhux anqas minn £20 u m'hux iżjed minn £100, jekk jiġi ritenut li l-mandat ikun ġie minnha ottenut b'domanda

magħmula malizzjożament (art. 869 Kap. 15). Jinsab dispost ukoll li l-Qorti, meta tinġieb raġuni tajba, permezz ta' ċitazzjoni da parti tal-eżekutat tista' tirrevoka l-mandat ta' impediment tal-partenza, jekk l-eżekutant jonqos li jġib fiż-żmien li jiġi lilu ordnat mill-Qorti pleġġerija tajba għall-ħlas tad-danni u nteressi għall-eventwalitajiet fuq imsemmija (art. 871 Kap. 15);

Illi l-mandat in kwistjoni ġie ottenut taħt ir-responsabbiltà tal-konvenuti u għalhekk dawn jistgħu jaqgħu fil-komminazzjonijiet preskritti mill-liġi fl-eventwalitajiet fuq imsemmija. Il-Qorti tista' wkoll tirrevoka l-istess mandat jekk l-attur iġib raġuni tajba għal dan il-fini, u l-konvenuti ma jirriżultawx li għandhom biex jagħmlu tajjeb lejn l-attur għad-danni eventwali u għall-penali eventwali kif fuq imsemmi, jew ma jġibux pleġġerija għall-ħlas ta' dawn id-danni u penali eventwali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-raġuni addotta mill-attur hija ġustifikata; il-għajxien tiegħu huwa biss bis-safar, ix-xogħol fuq il-bastimenti merkantili, u kwindi, sakemm jibqa' in vigore l-imsemmi mandat, l-attur ma jkunx fil-possibbiltà li jaqla' l-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu. Kuntrarjament għal dak li ġie espost fl-eċċezzjonijiet tagħhom, mix-xhieda tal-konvenut ma jirriżultax li l-konvenuti għandhom biżżejjed x'jagħmel tajjeb favur l-attur għall-penali u għad-danni u nteressi eventwali minħabba l-mandat imsemmi. Għalhekk, fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, id-domanda tal-attur hija ġustifikata, u għandha tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiddikjara li hemm lok għar-revoka tal-mandat ta' impediment tal-partenza ottenut mill-konvenuti kontra l-attur fid-9 ta' April 1962, u tirrevokah, kemm il-darba l-konvenuti, fi żmien għoxrin ġurnata, ma jġibux pleġġerija tajba għall-ħlas tad-danni u l-interessi eventwali fis-somma ta' £100 u għall-ħlas tal-penali eventwali fis-somma ta' £100. L-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti.